REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1327

tal-10 ta' Awwissu 2021

li jemenda l-Annessi II, IX u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' solipedi salvaġġi, prodotti tas-sajd mill-akkwakultura, u insetti, u jikkoreġi l-Anness XI ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni fir-rigward tal-lista ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' saqajn taż-żrinġijiet u ta' bebbux

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, sabiex jiżgura li jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti mir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti li huma rikonoxxuti bħala tal-inqas ekwivalenti. Dawk ir-rekwiżiti jinkludu l-identifikazzjoni tal-annimali u tal-oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem, li jistgħu jidħlu biss fl-Unjoni minn pajjiżi terzi jew mir-reġjuni elenkati f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(2) Pajjiż terz jew reġjun tiegħu jista' biss jiġi inkluż fil-lista msemmija fl-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jekk ikun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2017/625, u ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 4(a) sa (f) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625. Ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 4(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625 huwa l-eżistenza, l-implimentazzjoni u l-komunikazzjoni ta' programm ta' kontroll ta' residwi approvat mill-Kummissjoni, meta applikabbli, f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([3]).

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([4]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, filwaqt li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ([5]) tapprova l-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi li jikkonċernaw annimali speċifiċi u prodotti tal-annimali elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/653 ([6]) emendat id-Deċiżjoni 2011/163/UE u approvat il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi ta' ċerti pajjiżi terzi, li jikkonformaw mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 4(f) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625. Xi whud minn dawn il-pajjiżi terzi kienu diġà ssottomettew evidenza u garanziji xierqa li l-annimali u l-oġġetti kkonċernati jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4(a) sa (e) tar-Regolament Delegat (UE) 2019/625. Jenħtieġ li dawn il-pajjiżi jiġu inklużi fil-listi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 skont dan.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 neħħiet jew irrestriġiet l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi ta' ċerti pajjiżi terzi, li attwalment huma inklużi fil-listi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405. Jenħtieġ li l-listi stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġu emendati skont dan sabiex titneħħa jew tiġi ristretta l-awtorizzazzjoni ta' dawn il-pajjiżi.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 approvat il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għan-Namibja għall-kaċċa salvaġġa. Ladarba n-Namibja pprovdiet biżżejjed evidenza u garanziji li tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk, minbarra l-ġewwieni u l-ikkapuljat, u ta' preparati tal-laħam ta' solipedi salvaġġi, jenħtieġ li dan il-pajjiż jiżdied mal-lista tal-pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni tal-laħam ta' solipedi salvaġġi stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, bil-kumment "kaċċa salvaġġa biss".

(7) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 approvat il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi tan-Niġerja għall-akkwakultura bil-kumment "esklużi il-ħut bil-pinen". Ladarba n-Niġerja pprovdiet biżżejjed evidenza u garanziji li tissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tas-sajd mill-akkwakultura, jenħtieġ li l-entrata tan-Niġerja fil-lista stabbilita fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 tiġi emendata sabiex il-pajjiż jiġi awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tas-sajd mill-akkwakultura bl-eċċezzjoni tal-ħut bil-pinen.

(8) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 approvat il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-Oman għall-akkwakultura bil-kumment "esklużi l-krustaċji". Ladarba l-Oman pprovda biżżejjed evidenza u garanziji li jissodisfa r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tas-sajd mill-akkwakultura, jenħtieġ li l-entrata tal-Oman fil-lista stabbilita fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 tiġi emendata sabiex il-pajjiż jiġi awtorizzat għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tas-sajd mill-akkwakultura bl-eċċezzjoni tal-krustaċji.

(9) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 żiedet il-kumment "esklużi l-krustaċji" mal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi għall-akkwakultura tal-Gżejjer Falkland, tal-Montenegro, tal-Marokk u tal-Ukrajna. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn il-pajjiżi ma jiġux awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni tal-krustaċji mill-akkwakultura. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat skont dan.

(10) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 żiedet il-kumment "esklużi l-krustaċji" mal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi għall-akkwakultura tal-Gwatemala, tal-Mozambique, tan-Nikaragwa u tat-Tanzanija. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn il-pajjiżi ma jiġux awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni tal-ħut bil-pinen mill-akkwakultura. Għalhekk jenħtieġ li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat skont dan.

(11) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653 emendat in-noti f'qiegħ il-paġna li japplikaw għall-prodotti tal-akkwakultura. "Krustaċji biss" u "ħut bil-pinen biss" ġew sostitwiti minn "esklużi l-ħut bil-pinen" u "esklużi l-krustaċji", rispettivament. Għal raġunijiet ta' konsistenza, huwa meħtieġ li tiġi allinjata l-formulazzjoni tal-kummenti fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 ma' dik fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/653.

(12) Fit-12 ta' Marzu 2021, l-awtorità kompetenti tar-Renju Unit issottomettiet il-kwestjonarju rilevanti lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' insetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem. L-awtorità kompetenti tar-Renju Unit wieġbet b'mod sodisfaċenti għall-mistoqsijiet kollha, u għaldaqstant ipprovdiet biżżejjed evidenza u garanziji lill-Kummissjoni li juru li r-rekwiżiti ekwivalenti għall-Artikolu 126(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 ġew issodisfati. Għaldaqstant jenħtieġ li r-Renju Unit jiġi inkluż fil-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta'

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/653 tal-20 ta' April 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 138, 22.4.2021, p. 1).

kunsinni ta' insetti stabbiliti fl-Anness XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq għall-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi II, IX u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġu emendati skont dan.

(14) L-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fih żbalji f'termini ta' ommissjoni u ta' awtorizzazzjoni ta' prodotti għall-Armenja u l-Ażerbajġan. Dawk l-iżbalji jbiddlu t-tifsira tat-test.

(15) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi kkoreġut skont dan.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi II, IX, XI u XV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġu sostitwiti bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS II

Lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' laħam frisk, minbarra l-ġewwieni u l-ikkapuljat, u ta' preparati tal-laħam ta' solipedi salvaġġi, kif imsemmi fl-Artikolu 5 u fl-Artikolu 19(2)

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ	KUMMENTI
NA	In-Namibja	Kaċċa salvaġġa biss
ZA	L-Afrika t'Isfel	Kaċċa salvaġġa biss

ANNESS IX

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, kif imsemmi fl-Artikolu 13, l-Artikoli 18(3), 19(4), u 20(3), u fl-Artikoli 22(b) u 25(d)

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	KUMMENTI
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	Akkwakultura: Materja prima mill-Istati Membri jew minn pajjiżi terzi oħra biss approvata għall-importazzjonijiet ta' tali materja prima fl-Unjoni
AG	Antigua u Barbuda	Awwisti ħajjin minn qabda salvaġġa biss
AL	L-Albanija	Esklużi l-krustaċji mill-akkwakultura
AM	L-Armenja	Ċkali salvaġġi ħajjin, ċkali mhux imrobbija ipproċessati bis-sħana u ċkali mhux imrobbija iffriżati biss
AO	L-Angola	Qabda salvaġġa biss
AR	L-Arġentina	
AU	L-Awstralja	
AZ	L-Ażerbajġan	Kavjar minn qabda salvaġġa biss
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	Esklużi l-krustaċji mill-akkwakultura
BD	Il-Bangladesh	
BJ	Il-Benin	Qabda salvaġġa biss
BN	Il-Brunei	Prodotti tal-akkwakultura biss
BQ	Bonaire, Sint Eustatius u Saba	Qabda salvaġġa biss
BR	Il-Brażil	
BS	Il-Bahamas	Qabda salvaġġa biss
BY	Il-Belarussja	
BZ	Il-Belize	Qabda salvaġġa biss
CA	Il-Kanada	
CG	Il-Kongo	Qabda salvaġġa biss. Prodotti tas-sajd maqbuda, iffriżati u ppakkjati fl-imballaġġ finali tagħhom fuq il-baħar biss

CH	L-Iżvizzera ([1])	
CI	Il-Kosta tal-Avorju	Qabda salvaġġa biss
CL	Iċ-Ċilì	
CN	Iċ-Ċina	
CO	Il-Kolombja	
CR	Il-Costa Rica	
CU	Kuba	
CV	Cape Verde	Qabda salvaġġa biss
CW	Curaçao	Qabda salvaġġa biss
DZ	L-Alġerija	Qabda salvaġġa biss
EC	L-Ekwador	
EG	L-Eġittu	Qabda salvaġġa biss
ER	L-Eritrea	Qabda salvaġġa biss
FJ	Fiġi	Qabda salvaġġa biss
FK	Il-Gżejjer Falkland	Eskużi l-krustaċji mill-akkwakultura
GA	Il-Gabon	Qabda salvaġġa biss
GB	Ir-Renju Unit ([2])	
GD	Grenada	Qabda salvaġġa biss
GE	Il-Georgia	Qabda salvaġġa biss
GG	Guernsey	Qabda salvaġġa biss
GH	Il-Ghana	Qabda salvaġġa biss
GL	Greenland	Qabda salvaġġa biss
GM	Il-Gambja	Qabda salvaġġa biss
GN	Il-Guinea	Qabda salvaġġa biss. Ħut li ma għadda minn ebda operazzjoni ta' preparat jew ipproċessar għajr il-qtugħ tar-ras, l-evixxerazzjoni, it-tkessiħ jew l-iffriżar biss.
GT	Il-Gwatemala	Eskużi l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
GY	Il-Guyana	Qabda salvaġġa biss
HK	Hong Kong	Qabda salvaġġa biss
HN	Il-Honduras	
ID	L-Indoneżja	
IL	L-Iżrael ([3])	
IM	Isle of Man	
IN	L-Indja	
IR	L-Iran	Eskużi l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
JE	Jersey	Qabda salvaġġa biss
JM	Il-Ġamajka	Qabda salvaġġa biss

JP	Il-Ġappun	
KE	Il-Kenja	
KI	Kiribati	Qabda salvaġġa biss
KR	Il-Korea t'Isfel	
KZ	Il-Każakistan	Qabda salvaġġa biss
LK	Is-Sri Lanka	
MA	Il-Marokk	Esklużi l-krustaċji mill-akkwakultura
MD	Il-Moldova	Kavjar biss
ME	Il-Montenegro	Esklużi l-krustaċji mill-akkwakultura
MG	Madagascar	
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	
MM	Il-Myanmar/Burma	
MR	Il-Mauritania	Qabda salvaġġa biss
MU	Mauritius	
MV	Il-Maldivi	Qabda salvaġġa biss
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malasja	
MZ	Il-Mozambique	Esklużi l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
NA	In-Namibja	Qabda salvaġġa biss
NC	New Caledonia	Esklużi l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
NG	In-Niġerja	Esklużi l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
NI	In-Nikaragwa	Esklużi l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
NZ	New Zealand	
OM	L-Oman	Esklużi l-krustaċji mill-akkwakultura
PA	Il-Panama	
PE	Il-Perù	
PF	Il-Polineżja Franċiża	Qabda salvaġġa biss
PG	Papua New Guinea	Qabda salvaġġa biss
PH	Il-Filippini	
PM	Saint Pierre u Miquelon	Qabda salvaġġa biss
PK	Il-Pakistan	Qabda salvaġġa biss
RS	Is-Serbja	
RU	Ir-Russja	Qabda salvaġġa biss
SA	L-Arabja Sawdija	
SB	Il-Gżejjer Solomon	Qabda salvaġġa biss
SC	Is-Seychelles	Qabda salvaġġa biss
SG	Singapore	

SH	Saint Helena (Ma tinkludix il-gżejjer ta' Tristan da Cunha u ta' Ascension)	Qabda salvaġġa biss
	Tristan da Cunha (Ma tinkludix il-gżejjer ta' Saint Helena u Ascension)	Awwisti (friski jew iffriżati) minn qabda salvaġġa biss
SN	Is-Senegal	Qabda salvaġġa biss
SR	Is-Suriname	Qabda salvaġġa biss
SV	El Salvador	Qabda salvaġġa biss
SX	Sint Maarten	Qabda salvaġġa biss
TH	It-Tajlandja	
TN	It-Tuneżija	Eskluži l-krustaċji mill-akkwakultura
TR	It-Turkija	
TW	It-Tajwan	
TZ	It-Tanzanija	Eskluži l-ħut bil-pinen mill-akkwakultura
UA	L-Ukrajna	Eskluži l-krustaċji mill-akkwakultura
UG	L-Uganda	
US	L-Istati Uniti	
UY	L-Urugwaj	
VE	Il-Venezwela	
VN	Il-Vjetnam	
YE	Il-Jemen	Qabda salvaġġa biss
ZA	L-Afrika t'Isfel	Qabda salvaġġa biss
ZW	Iż-Żimbabwe	Qabda salvaġġa biss

([1]) F'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

([2]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([3]) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat ta' Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji taħt l-Amministrazzjoni Iżraeljana minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet tal-Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

ANNESS XI

Lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' saqajn taż-żrinġijiet u ta' bebbux, kif imsemmi fl-Artikolu 17

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	KUMMENTI
AL	L-Albanija	
AM	L-Armenja	Bebbux biss
AU	L-Awstralja	

AZ	L-Ażerbajġan	
BA	Il-Bożnija-Ħerzegovina	Bebbux biss
BR	Il-Brażil	Saqajn taż-żrinġijiet biss
BY	Il-Belarussja	Bebbux biss
CA	Il-Kanada	Bebbux biss
CH	L-Iżvizzera [1]	
CI	Il-Kosta tal-Avorju	Bebbux biss
CL	Iċ-Ċilì	Bebbux biss
CN	Iċ-Ċina	
DZ	L-Alġerija	Bebbux biss
EG	L-Eġittu	Saqajn taż-żrinġijiet biss
GB	Ir-Renju Unit [2]	
GG	Guernsey	
GH	Il-Ghana	Bebbux biss
ID	L-Indoneżja	
IM	Isle of Man	
IN	L-Indja	Saqajn taż-żrinġijiet biss
JE	Jersey	
MA	Il-Marokk	Bebbux biss
MD	Il-Moldova	Bebbux biss
MK	Il-Maċedonja ta' Fuq	Bebbux biss
NG	In-Niġerja	Bebbux biss
NZ	New Zealand	Bebbux biss
PE	Il-Perù	Bebbux biss
RS	Is-Serbja	Bebbux biss
TH	It-Tajlandja	Bebbux biss
TN	It-Tuneżija	Bebbux biss
TR	It-Turkija	
UA	L-Ukrajna	Bebbux biss
US	L-Istati Uniti	Bebbux biss
VN	Il-Vjetnam	
ZA	L-Afrika t'Isfel	Bebbux biss

[1] B'konformità mal-Ftehim tal-21 ta' Ġunju 1999 bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

[2] F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

ANNESS XV

Lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' insetti kif imsemmi fl-Artikolu 24

KODIĊI ISO TAL-PAJJIŻ	PAJJIŻ TERZ JEW REĠJUNI TIEGĦU	KUMMENTI
CA	Il-Kanada	
CH	L-Iżvizzera	
GB	Ir-Renju Unit ([1])	
KR	Il-Korea t'Isfel	
TH	It-Tajlandja	
VN	Il-Vjetnam"	

([1]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Anness, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.